**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

## GUDIKATUR: DR ANTHONY ELLUL, LL.D.

**SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA 10 TA' MEJJU, 2002**

**Numru: 33**

**Avviz Nru: 766/02 AE**

**Dr. A.H. Farrugia bhala amministratur ta' l-assi tal-Mons. Vassallo**

**vs**

**Carmela Zammit**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu l-attur nomine talab il-hlas tas-somma ta' mitejn u wiehed u hamsin lira Maltija (Lm251), bilanc ta' diversi skadenzi ta' kera bejn is-snin ta' Jannar 1991 u Jannar 2002, dovuti fir-rigward tal-fond Flat 2, 99, Triq ir-Repubblika, Valletta.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas dehret ghas-seduti.

Ra n-nota (fol. 8) li giet prezentata fit-3 ta' Mejju 2002 u li permezz taghha l-attur nomine rriduca l-ammont mitlub ghall-ammont ta' mitejn lira Maltija (Lm200)

Semgha lill-avukat Dr. Lara Lanfranco tikkonferma bil-gurament l-avviz tat-talba kif ukoll li l-ammont kif ridott ghadu dovut.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tal-attur nomine tirrizulta sodisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13(b) tal-Att V tal-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuta thallas is-somma ta' mitejn u wiehed u hamsin lira Maltija (Lm251).

L-ispejjez huma ghak-karigu tal-konvenuti.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**

**Gudikatur**